**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 18, 42, 43, 49, 50, 267, 270, 271(g),**
**279(a), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9;**
**Artikolu 3 ta' Kapitolu 104;**
**Artikolu 15 ta' Kapitolu 152**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 614/04***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**ALLAN GRIMA**
**(ID: 115783M)**

**MARIO ZAMMIT**
**(ID: 421574M)**

**Illum, 12 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **ALLAN GRIMA** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Anthony u Anna nee' Borg, imwieled Pieta nhar is-26 ta' Dicembru 1982 u residenti gewwa 16, Triq Guliermu, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 115783(M) u **MARIO ZAMMIT** ta' tletin (30) sena, bin Carmelo u Mikelina nee' Borg, imwieled Pieta nhar l-14 ta' Settembru 1974 u residenti gewwa 48,

St. Mary House, Conception Street, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 421574 (M) gew imressqa quddiemha u akkuzati talli:

1. Nhar id-29 ta' Gunju, 2004, f'hinijiet u bnadi differenti f'dawn il-gzejjer, b'risoluzzjoni wahda ikkomettew diversi atti ta' dispozzjonijiet differenti;

2. U talli fl-istess jum, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs inhar fil-bajja tal-Armier, ikkommettew serq ta' '*mobile phone'* tal-marka Samsung, ghad detriment ta' Dayna Spiteri, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100);

3. U talli fl-istess jum, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar fi Triq Marfa, l-Ghadira, bi hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt ta'serq minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZAM800 ghad-dannu ta' Charlton Balzan, liema delitt ma giex esegwit minnhaba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom liema delitt li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz,valur tal-haga u x-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi,volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli, immobbli, cioe' ghamlu hsara li tammonta ghall-erbgha mija u sbatax il-lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm417.84c) fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ZAM800 ghad-dannu ta' Charlton Balzan u dan bi ksur t'Artikolu 325(1)(b);

5. U aktar talli saru ricedivi ai termini t'Artikoli 49, 50, u 289(1) ta' Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Mario Zammit wahdu talli:

6. Nhar 29 ta' Gunju, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofs innhar fi Triq l-Mtarfa, l-Ghadira rrenda ruhu b'komplici ta'delitt t'attentat ta'serq mill-vettura bin-numru ZAM 800 u xjentament ghen u assista lill-awtur u cioe' lil Allan Grima sabiex ikun gie ippreparat u ikkunsmat dan id-delitt;

7. U talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet t'Artikolu 15 ta' Kap 152 ta' Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Noel Cushieri LL.D nhar il-25 t'April, 2002.

U akkuzat lil Allan Grima wahdu talli:

8. Nhar id-29 ta' Gunju, 2004, ghall-habta tal-ghaxra ta'filghaxija, fi Triq Dawret il-Gzejjer f'Bugibba, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni BAB149 ghad-detriment ta' Marlene Bonnici, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccediex l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

9. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi ikkommetta serq mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB149 ta' *stereo* tal-marka Kenwood, rota tat-tfal, zewg *mobile phones* tal-marka Alcatel u Nokia 3310, tlett credit cards u s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fi flus kontanti ghad-detriment ta' Marlene Bonnici, George Bonnici, Josephine Bonnici, Bank of Valletta u HSBC Bank , liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

10. U aktar talli fl-istess jum u fil-jiem ta' wara f'dawn il-gzejjer saq vettura bin-numru ta'registrazzjoni BAB149 minghajr il-licenzja tas-sewqan meta kien skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan b'hekk sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex.

11. U aktar talli fl-istess jum f'dawn il-gzejjer saq l-istess vettura meta ma kienx kopert p'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputati a fol. 8 u 9, Fedini Penali tal-imputati a fol 11 et seq u 27 et seq, l-istqarrija ta' Mario Zammit a fol 37 et seq u zewg stqarrijiet ta' Allan Grima a fol. 39 et seq u l-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 28 ta' Lulju 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 10. Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti f'din l-istess kompetenza taghha.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi **l-Ispettur Ramond Cassar** xehed fl-10 ta' Jannar, 2005 fejn iddikjara li fid-29 ta' Gunju ghall-habta ta' l- 4 ta' wara nofsinhar is-Surgent 1298 u PC 800 li kienu stazzjoniati l-A.L.E, akkumpanjaw lill-imputati, li gharaf prezenti fl-awla. Iz-zewg pulizija qalulu li waqt li kienu fuq patrol l-Ghadira raw basket qed jintrema minn go karozza tat-tip Golf hamra bin-numru HAA-362.

Dawn waqqfu l-vettura u sabu lill-imputati. Fl-hin x'hin waqqfu l-karozza, gew grupp ta' nies li qalulhom li kien ghadu kemm insteraq basket mill-Armier u li f'dan il-baskett kien hemm *mobile phone* tad-ditta Samsung. Il-pulizija staqsew lill-imputati fejn qieghed il-mobile u dak il-hin Allan Grima hareg il-mobile li kien mohbi fil-qalziet ta' taht tieghu u ghaddieh lill-pulizija. Iz-zewg imputati mbaghad gew mehuda l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Dakinhar stess l-imputati rrilaxxaw stqarrija wara li nghatat is-solitu twissija. Allan Grima ammetta li kien hu li ha basket mill-Armier u li kien fih dan il-mobile phone. Sadanittant il-pulizija dahlilha rapport li kienet saret xi hsara

fuq karozza fi Triq Marfa, l-Ghadira. Il-karozza kienet Toyota Glanza bin-numru ZAM800 u kellha hgiega tal-genb tan-naha tax-xellug imkissra u xi hadd ipprova jaqlghalha l-istereo.

Waqt l-istatement Allan Grima ammetta li kien hu li ha l-basket waqt li kien fil-kumpanija ta' l-imputat Zammit. Dawn qalu li telqu mill-Armier u waqfu l-Ghadira, Allan Grima lemah din il-karozza u kissrilha l-hgiega u pprova jaqlghalha l-istereo, imma ghal xi raguni l-istereo ma nqalghax. Inzerta li l-Armier rawhom xi nies, grew warajhom u baqghu isegwuhom sa l-Ghadira. Dak il-hin l-imputat Mario Zammit saq il-karozza tieghu, rikkeb lil Alan Grima u huma u nezlin in-nizla ta' l-Ghadira waqqfuhom il-Pulizija tal-A.L.E. Ftit wara li ttiehdet l-istqarrija Allan Grima gie rillaxxjat mill-arrest tieghu. Ftit tal-hin wara dahal rapport li kienet giet misruqa vettura ohra minn hdejn il-pjazza ta' Bugibba, numru tar-registrazzjoni taghha PAB-149. Din instabet dakinhar stess f'Bormla. Ftit tal-jiem wara gie arrestat Allan Grima, fejn fit-tieni stqarrija tieghu ammetta wkoll li ha din il-karozza ghar-raguni li ma kellux biex imur id-dar. Mill-karozza nstabu xi affarijiet neqsin fosthom *wallet* li fih kien hemm xi tmenin lira (Lm80), xi *credit cards*, u kien hemm xi affarijiet ohra personali ta' sid il -karozza.

Fl-istqarrija tieghu Mario Zammit innega li kellu x'jaqsam ma' dan is-serq. Huwa qal li la kien jaf bis-serqa tal-mobile u lanqas bl-attentat ta'serq mill-karozza. L-Ispettur Cassar esebixxa kopja tal-istqarrija ta' Mario Zammit, mehuda fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Din giet immarkata bhala Dok. RC6. Ix-xhud stqarr li qieghed jaghraf lil Mario Zammit li kien prezenti fl-Awla u fuq l-istqarrija gharaf il-firma tieghu u tal-Kuntistabbli 548 Alfred Micallef. L-imputat Mario Zammit ukoll iffirma l-istqarrija tieghu wara li nghata s-solita twissija. Hu esebixxa wkoll zewg stqarrijiet li ttiehdu minghand Allan Grima wara li inghatat is-solita twissija. Fuqhom gharaf il-firem tieghu u tal-Pulizija 346 Daniel Micallef u tas- Surgent 746 Godfrey Attard Mccarthy. Dawn gew immarkati bhala Dok. RC7 u RC8 rispettivament. L-imputat

ghazel li jiffirma z-zewg stqarrijiet. Ix-xhud esebixxa wkoll sbatax-il (17) ritratt bil-kulur iddokumentati bhala RC9. Dawn gew mehuda nhar id-29 ta' Gunju 2004 minn PC 404 Paul Camilleri. Inoltre esebixxa sentenza li giet dokumentata bhala RC 10 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Allan Grima'** u zewg sentenzi ohra RC 11 u RC 12 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Mario Zammit'**.

**Dayna Spiteri** xehdet fil-10 ta' Jannar, 2005 fejn stqarret li hi ghandha tlettax-il (13) sena u fid-29 ta' Gunju, 2004 kienet qieghda l-bajja' ta' l-Armier ma' shabha mill-hdax ta' filghodu sal-erbgha ta' wara nofsinhar. Qalet li nnutat ragel fuq il-bajja'. Dan ir-ragel ghajtilhom u qalilhom li kien insteraq basket – li fil-fatt kien taghha. Telghu mill-bahar u marru kollha f'direzzjonijiet differenti biex ifittxu dan il-basket. Qalet li l-basket kien t fih xugaman tal-bahar, mobile, cwievet u portmoni li kien fih bejn zewg u erba' lira. Il-mobile kienet qalaghtu bhala rigal u l-valur tieghu huwa ta' mija u hamsin lira. Ix-xhud stqarret li shabha s-subien kienu marru fil-*parking area* u kienu mmarkaw karozza li ssuspettaw fiha u din kienet tiela' l-barra mill-Armier. Shabha mbghad marru jgibu l-karozza taghhom u marru warajhom. Ix-xhud ma marritx maghhom izda marret warajhom ma' missierha li kien lahaq mar ghaliha. Meta x-xhud marret fuq il-post fejn kien hemm il-pulizija nnutat li kien hemm ragel li kellu l-mobile taghha f'idu. Pero' stqarret li fl-Awla ma gharfet lill-ebda persuna bhala r-ragel li kellu l-mobile. Qalet li kien hemm ragel iehor. Fil-fehma taghha dawn kellhom bejn ghoxrin u hamsa u tletin sena u taf li xi hadd minnhom, jew jista' jkun anke t-tnejn li huma, kellhom xi *tattoos*. Taf li l-karozza li biha telqu dawn l-irgiel u li kienu biha meta waqqfuhom il-pulizija kienet Golf ta' kulur ahmar, izda n-numru tar-registrazzjoni taghha ma ftakritux.

In kontro-ezami mid-Difiza tal-imputat Mario Zammit, ix-xhud spjegat li l-valur tal-mobile taghha meta jinxtara gdid kien ta' mija u hamsin lira (Lm150). Il-mobile li nsterqilha kien ilu ghandha bejn xahar u xahar u nofs u kien tal-marka Samsung E 700. Giet murija sett ritratti esebiti kollha bhala

Dok RC 9 u b'referenza ghar-ritratti li juru *pocket,* rcevuta fiskali u pakkett tac-*chewing gum,* qalet li dawn huma l-oggetti li ttehdula dakinhar. B'referenza ghal erba' ritratti li jindikaw il-mobile phone taghha li nsterqilha wkoll dakinhar, qalet li minnhhom jidher li dan huwa tal-marka Samsung. Rat zewg ritratti ohra fejn tidher karozza ta'kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni HAA-362, fejn ritratt minnhom juri karozza minn quddiem u ritratt iehor juri l-karozza minn wara. Hija gharfet din il-karozza bhala dik li fiha kieu harbu dawn iz-zewgt irgiel li sussegwentament nstabu mill-pulizija.

**Malcolm Vella** xehed fl-14 ta' Marzu, 2005 fejn stqarr li dakinhar tal-Imnarja tal-2014 kien ma' grupp ta' hbieb il-bahar, l-Ahrax tal-Mellieha. Hin minnhom ragel Malti li kien ma' genbhom qalilhom li zewgt irgiel kienu hadu basket minn taghhom. Dan kien ta' Dayna Spiteri. Dan ir-ragel li ra lil dawn il-persuni jiehdu l-basket, tahom deskrizzjoni ta' dawn il-persuni li rahom jiehdu l-baskett. Ix-xhud kompla billi qal li marru jfittxuhom u ma sabuhom fl-ebda bajja, mbghad telghu fil-*parking area* u rawhom jitilqu bil-karozza li kienet tal-ghamla Golf ta' kulur ahmar. Ix-xhud tenna li d-deskrizzjoni tal-hwejjeg li kienu gew moghtija kienet taqbel ezatt maz-zewg persuni, li gharafhom dakinhar prezenti fl-Awla. Kompla li segwewhom bil-karozza tieghu, fejn ghall-ewwel kienu tilfuhom imma mbghad meta marru ghall-Ghadira raw il-karozza b' wiehed minnhom go fiha. Rigward l-imputat Mario Zammit qal li rah gewwa l-karozza Golf, filwaqt li lill-imputat l-iehor, li gie ndikat lilu bhala Allan Grima, rah f'karozza ohra tat-tip Toyota Glanza ta' kulur gris, li iktar tard dakinhar sar jaf li kienet ta' ragel Malti, li ma jafx x'jismu, imma zgur li ma kienx wiehed mill-imputati. Innota li din il-karozza kellha hgiega mkissra u dak li kien qieghed isuq il-Golf telaq bil-karozza, l-iehor telaq jigri ghal warajh, imbaghad rikeb fil-Golf u saqu. Konsegwentement huma segwewhom lejn l-Ghadira fejn gew f'hafna traffic. Qal li kien l-imputat Mario Zammit li kien qieghed isuq il-karozza. Ix-xhud spjega li Zammit waqqaf il-karozza wara xarabank u huma waqfu wkoll. Zied li Zammit nizel mill-karozza u hu nizel minn tieghu u qabdu jargumentaw

hemmhekk. Fil-pront kien hemm zewg pulizija ghaddejjin u ntervjenew. Ix-xhud stqarr li l-basket dak il-hin ma rawhx, imma aktar tard gabruh minn post iehor fejn kien intrema. Ix-xhud qal li waqt li kienu qieghdin jargumantaw, l-imputat Mario Zammit tah il-mobile ta' Dayna Spiteri, li sa fejn jaf hu kien tal-marka Samsung.

In kontro-ezami li sar mill-avukat difensur tal-imputat Mario Zammit, ix-xhud spjega li hu beda jghid lill-imputat Mario Zammit biex itih il-*mobile,* u dak il-hin l-imputat l-iehor hareg il-*mobile* minn god-*dashboard* tal-karozza ghaddieh lil Zammit u Zammit tah lilu. Sahaq li dan kien il-mod kif dan il-*mobile* kien ghadda f'idejh. Tenna li l-Golf kien qieghed isuqha l-imputat Mario Zammit.

Skond ix-xhud, id-deskrizzjoni taz-zewg irgiel moghtija originarjament mir-ragel li kien rahom jisirqu l-basket, kienet taqbel ezattament mal- imputati prezenti fl-awla. Qal li dan ir-ragel zgur li kien qalilhom li kienu tnejn min-nies li serqu l-basket. Zied li minn meta dan ir-ragel kien tahom id-deskrizzjoni, sakemm waqqfuhom bil-karozza, kienu ghaddew bejn ghoxrin minuta sa nofs siegha.

Waqt il-kontro-ezami li sarlu mil-avukat difensur tal-imputat Allan Grima, x-xhud qal li l-imputat Mario Zammit beda jichad li kellu l-mobile. Imbaghad Allan Grima ghadda l-mobile lil Zammit u dan ghaddiehulu, pero' lill-pulizija ma spjegalhomx dan kollu. Max-xhud fil-karozza kien hemm shabu Charlo u Matthew, waqt li Dayna Spiteri baqghet ma' shabhom l-ohra. Zied li meta in segwitu kienu waslu l-pulizija, Dayna Spiteri kienet marret fuq il-post ukoll, pero' ma kinitx fl-istess karozza tal-pulizija. Fil-hin li Mario Zammit ghaddielu l-mobile, Dayna ma kienitx ghadha waslet fuq il-post.

**Matthew Pace** xehed fid-29 ta' Gunju 2004 fejn stqarr li kien qieghed ma grupp ta' hbieb gewwa l-Armier. Kien ghajtilhom ragel u qalilhom li zewgt

irgiel kienu serqulhom basket, u tahom deskrizzjoni taghhom. Bdew ifittxu lill-irgiel fuq il-bajja, izda ma sabuhomx. Imbghad raw Golf hamra u gharfuhom mid-deskrizzjoni tar-ragel. L-ewwel grew warajhom bil-giri u mbghad marru ghall-karozza u hargu l-barra mill-Armier u fil-parti ta' fuq tal-Ghadira. Meta rawhom, wiehed kien qieghed gol-Golf u l-iehor kien qieghed jisraq minn Toyota Glanza. Ix-xhud gharaf lill-imputati prezenti fl-awla bhala l-persuni li ra.

B'referenza ghall-imputat Allan Grima, x-xhud qal li dan kien il-persuna li ra fil-Golf, filwaqt li b'referenza ghall-imputat Mario Zammit qal li lil dan rah jahrab mill-karozza Glanza u dahal gol-Golf. Tenna li kien Allan Grima li kien qed isuq. Hu u shabu grew ghal warajhom bil-karozza taghhom, u meta dawn waqfu wara tal-linja minhabba t-traffiku, hu w shabu nizlu mill-karozza w marru hdejhom u talbuhom il-mobile. Kompla li sadanittant lahqu waslu l-pulizija u l-mobile ma tawhulhomx. Ix-xhud kompla jghid li x-xhud ta' qablu, cioe'Malcolm Vella, kien qed isuq il-karozza li kienu fiha huma. Ikkonferma li huma marru t-tlieta f'daqqa lejn il-karozza tal-imputati, u li l-imputat Allan Grima, li kien qed isuq, hareg mill-karozza. Imbghad intervjenew il-pulizija li dak il-hin nzertaw ghaddejjin minn hemm. Ikkonferma wkoll li d-deskrizzjoni li nghatatilhom tal-irgiel, kienet taqbel ezattament maz-zewg persuni li raw u li kienu l-imputati prezenti fl-Awla. Il-mobile in kwistjoni kien ta' Dayna u kien ta' kulur silver.

In kontro-ezami x-xhud stqarr li l-basket misruq kien ta' Dayna, u li barra l-affarijiet li nstabu kien fih ukoll xi cwievet li baqghu ma nstabux. Qal li huma l-aktar li ghamlu enfasi mal-imputati kien dwar il-mobile. Hu zied li i l-mobile suppost inghata lura lil Dayna u l-baskett kien instab mormi fit-triq. Skond dan ix-xhud, sakemm waslu l-pulizija, l-mobile kienu ghadhom ma tawulhomx, u dan ghaliex sadanittant l-imputati baqghu jichdu li serqu xi haga, pero' sussegwentement kienu ghaddewh lill-pulizija. Ix-xhud stqarr li h

ma rax lill-imputat Allan Grima jaghti l-mobile lill-pulizija, imma qaghad fuq li qalulu shabu.

Ix-xhud iddikjara li hu kien cert li ra lill-imputat Mario Zammit gewwa l-karozza Toyota Glanza u wara rah johrog minnha u jitlaq jigri ghal gol-Golf fejn kien hemm l-imputat l-iehor Allan Grima. Id-distanza li kien hemm bejn il-karozza Toyota Glanza u l-karozza Golf kienet tul darbtejn ta' l-awla. Min kien gol-karozza Golf meta ra lilhom saq, imbghad l-iehor hareg mit-Toyota Glanza telaq jigri ghal warajh u rikeb gol-Golf. Ix-xhud kompla jghid li huma kienu lahqu lil dak li kien gewwa l-Golf, cioe' lil Alan Grima biex jaghtihom il-mobile, u dan qabad u saq. Ix-xhud iddikjara li hu qatt ma kien iltaqa' mal-imputati qabel u wara dan l-incident ma regax rahom hlief dakinhar fil-qorti.

**Charlo Zammit** xehed fil-14 ta' Marzu, 2005 u qal li fl-Imnarja tas-sena 2004 hu flimkien ma' shabu kienu qeghdin jghumu gewwa Little Armier u hin minnhom qalulhom li kienu hadulhom l-affarijiet. Kien hemm ragel li qalilhom kienu tnejn minn nies li hadulhom basket, u dan il-basket kien tal-habiba taghhom Dayna Spiteri. Dan ir-ragel iddeskriva lil dawn iz-zewg persuni li kienu hadulhom il-basket u huma marru fuq ir-ramla jfittxuhom. Skond id-deskrizzjoni li kien taghhom dak ir-ragel gharfu liz-zewg persuni meta rawhom gewwa Golf ahmar waqt li kienu hergin mill-Armier. Ix-xhud stqarr li marru ghal warajhom bil-karozza. X'hin kienu nezlin in-nizla tal-Ghadira raw lil wiehed minnhom ikisser il-hgiega ta' Toyota Glanza u kien qieghed jaqla' stereo. Ix-xhud stqarr li l-persuna li kienet qieghda tkisser il-hgiega tal-karozza gharafha fl-awla bhala l-imputat Allan Grima. Zied li lill-imputat Mario Zammit dak il-hin kien rah gewwa l-karozza Golf. Ix-xhud spjega li meta raw lill-imputati huma bdew jghidulhom biex jaghtuhom l-affarijiet, izda dawn telqu jigru bil-karozza Golf. Ix-xhud kompla jghid li huma saqu warajhom. Kien hemm karozza tal-pulizija wieqfa u huma bdew idoqqu l-horn u jghajjtu biex jisimghuhom. Dak il-hin tal-Golf waqqfu bil-karozza, w ix-xhud u shabu nizlu mill-karozza w bdew jitolbuhom il-mobile u

l-affarijiet. Wara nizel l-imputat Mario Zammit, u ta l-mobile lil wiehed minn shabu, cioe' lil Malcolm u dan ghaddieh lilu. Peress li Mario Zammit kien diga' qala' s-SIM Card ta' Dayna w bidilha b'tieghu, ix-xhud qal li beda jghidlu biex itih is-SIM Card ta' Dayna w dak tahielhom. Ezatt kif Zammit tahom il-mobile, walsu l-pulizija. Qal illi l-mobile kien ta' Dayna Spiteri tad-ditta Siemens, kien ta' kulur gris u kien modern ghaliex kienet ghadha kif xtratu. Kien tip li jinfetah u jiehu r-ritratti. Fil-basket kien hemm wkoll xi cwievet u xi hwejjeg. Il-basket kien instab go ghalqa, pero' c-cwievet baqghu ma nstabux.

In kontro-ezami x-xhud stqarr li l-persuna li kienet qaltilhom min kien hadilhom il-basket, ma jafx min hu. Id-deskrizzjoni li tahom dan ir-ragel qablet ma dik ta' l-imputati. Ix-xhud stqarr li fuq il-bajja ma kienx lahaq rahom u li l-ewwel darba li rahom kien meta kienu gewwa l-Golf sejrin il-barra. Ix-xhud spjega li kien ra lill-imputat Allan Grima jkisser il-hgiega tal-karozza Glanza tan-naha ta'quddiem tal-bieba tal-passiggier. Inoltre qal li hu ma rax lill-imputat Mario Zammit vicin il-Glanza jew hiereg mill go fiha. Ix-xhud ikkonferma li huma kienu tlieta, cioe' hu, Malcolm u Matthew; li kien Mario Zammit kien li saq il-Golf u li dan ta l-mobile lil siehbu Malcolm u dan ghaddieh lilu. Zammit kien diga' qala s-sim card minn gol-mobile ta' Dayna Spiteri u tefa s-sim card ohra. Ix-xhud stqarr li kien cert li kien l-imputat Mario Zammit li ghadda l-mobile lil Malcolm u mbghad dan ghaddieh lilu. Qal li Matthew kien ghadu gol-karozza w kienu hu w Malcolm li hargu. Sakemm Matthew kien qaleb is-seat biex ikun jistgha johrog minn gol-karozza, l-imputat Mario Zammit kien diga' ghaddielu l-mobile w dak il-hin Matthew kien rah bil-mobile f'idejh. Ix-xhud baqa' jsostni li l-imputat Mario Zammit ghadda l-mobile lil Malcolm u dan ghaddieh lilu. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk kienx Allan Grima li hareg il-mobile mill-qalziet, wiegeb li kien jaf hu li kien Mario Zammit li ghadda l-mobile lil Malcolm u Malcolm ghaddieh lilu. Ix-xhud ghal darb'ohra nsista li kien l-imputat Mario Zammit

lil kien ghadda l-mobile lil Malcolm waqt li Allan Grima kien ghadu gol-karozza.

Ix-xhud iddikjara li kienu sabu lill-imputati fit-telgha tal-Ghadira, fejn kompla jghid li l-Golf kien qieghed isuqha Mario Zammit. Zied jispjega li waqt li l-imputat Allan Grima kien qieghed ikisser il-hgiega tat-Toyota, l-Golf kienet wieqfa hdejn it-Toyota, kemm wiehed jiftah il-bieba w jirkeb. Hekk kif rawhom, Zammit saq il-Golf, u Allan Grima telaq jigri, halla z-zarbun warajh, dahal fil-Golf u saqu 'l hemm. Spjega li waqt li Allan Grima kien qed ikisser il-hgiega tal-karozza, Mario Zammit kien gol-Golf. Ix-xhud stqarr li l-imputati kienu diga' sejrin gol-Golf meta huma bdew jghajtulhom biex jieqfu u jaghtuhom il-mobile. Sostna li l-imputati waqfu minhabba t-*traffic lights* u ghax lahqet qabzithom il-karozza tal-pulizija. Pero' l-imputati kienu diga' tawhom il-mobile sakemm marru hdejhom il-pulizija. Ix-xhud rega' qal li hu w Malcolm nizlu mill-karozza u Matthew baqa' go fiha, li l-imputat Mario Zammit ghadda l-mobile lil siehbu Malcolm u dan ghaddieh lilu, fejn fethu w ra li s-SIM card li kien hemm ma kinitx tal-mobile. Ix-xhud qal li hu w Mario Zammit partu s-SIM card. Rega' spjega li l-imputat Mario Zammit gab il-mobile mill-compartment tal-karozza, mbghad ghaddieh lil Malcolm u Malcolm ghaddieh lilu.

**PC 404 Paul Camilleri** xehed fis-6 ta' Mejju, 2005 fejn qal li huwa gie muri sbatax-il (17) ritratt bil-kulur li huma esebiti bhala RC9 u li kien gibidhom fid-data tad-29 ta' Gunju 2004 meta kien ghadu fid-Dipartiment tal-Forensika tal-Pulizija. Dawn ingibdu fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Raymond Cassar. Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti li kien ghadu kif ra kienu kollha migbudin minnu fid-29 ta' Gunju, 2004.

**PS 548 Alfred Micallef** xehed fis-6 ta' Mejju 2005 fejn stqarr li gie muri d-dokument Dok RC 6, a fol 37 sa fol 38 tal-process fejn ikkonferma li din hija stqarrija rilaxxjata mill-imputat Mario Zammit, li gharfu prezenti fl-Awla,

wara li kien inghata twissija skond il-ligi. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-Ispettur Raymond Cassar, kif ukoll ta' l-imputat Mario Zammit li ghazel li jiffirma din l-istqarrija.

**PS 1133 Joseph Borg** xehed fis-6 ta' Mejju, 2005 fejn esebixxa okkorrenza li giet immarkata bhala Dokument PJB 1, rigward rapport dwar serq ta' basket mill-bajja ta' l-Armier. Iddikjara li din l-okkorrenza dahhalha w iffirmaha hu. Ix-xhud esebixxa okkorrenza ohra bhala Dokument PJB 2. Din ukoll hija mhaddhla w iffirmata minnu. Qal li din tirrigwarda tentattiv ta' serq minn go vettura bin-numru ta'registrazzjoni ZAM 800 f'Marfa Road, l-Ghadira.

**PS 1298 Lambert Zammit** xehed fl-20 ta' Lulju, 2005 fejn qal li ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar tad-29 ta' Gunju, 2004 hu w PC 800 kienu qeghdin patrol l-Ghadira meta waqqfithom vettura w ix-xufier taghha nfurmahom li kien hemm xi malviventi n-naha ta' fuq ta' l-Ghadira li kienu qeghdin jisirqu vettura. Huma marru fid-direzzjoni ndikata w ezatt fin-nofs ta' l-Ghadira raw xi tlieta jew erba' zghazagh u zewg karozzi weqfin fin-nofs bin-nies jillettikaw. Ix-xhud zied li huma nizlu mill-vettura taghhom u dawn iz-zghazagh qalulhom li waqt li kienu l-Ahrax tal-Mellieha iz-zewg imputati, li kien qieghed jaghraf fl-Awla, kienu ghadhom kif serqulhom basket. Dawn iz-zghazagh irrakkontawlhom li kienu grew ghal warajhom bil-vettura pero' tilfuhom fit-triq ta' l-Ahrax tal-Mellieha. X'hin daru ezatt wara l-Ahrax tal-Mellieha biex jinzlu lejn l-Ghadira, huma regghu raw dawn iz-zewg persuni li kienu b'Golf numru ta'registrazzjoni HAA 362 ta' kulur ahmar. Ix-xhud spjega li originarjament kienu gew imwaqqfa minhabba serq ta' karozza tal-ghamla Toyota, li kienet qieghda bhala l-ewwel vettura fuq l-Ghadira. Filfatt meta marru fil-post indikat sabu din il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni ZAM 800 ta' kulur griz car, bil-hgiega mkissra. Ix-xhud gie muri ritratt formanti parti minn sett ta' ritratti esebiti bhala Dok RC 9, u qal illi dan ir-ritratt juri din l-istess vettura bin-numru ta'registrazzjoni ZAM 800 involuta fis-serqa. Ix-xhud gie muri ritratt iehor fejn tidher l-istess karozza

bil-hgiega ta' wara mkissra. Fir-ritratt immarkat bhala Dok RC 9, qal li tidher il-parti fejn hemm l-*istereo* maqlugh u l-hsara li saret fl-intern tal-karozza bir-registrazzjoni ZAM 800. Kompla billi qal li gharaf ukoll ir-*road licence* ta' fuq il-*windscreen* ta' l-istess vettura. Dawn ir-ritratti li ghadu kemm ghamel referenza ghalihom huma parti minn Dok RC 9. Ix-xhud irrefera wkoll ghal sett ritratti ohra, li jiffurmaw parti minn Dok RC 9 li wiehed minnhom juri l-karozza minn quddiem ta' kulur ahmar HAA 362 li gharafha wkoll bhala l-vettura li fiha kien hemm iz-zewg imputati w li kienet qieghda tigi misjuqa mill-imputat Mario Zammit. Ritratt iehor juri parti minn wara w genb minnhom ta' l-istess vettura hamra u ritratt iehor juri wkoll ir-*road licence* inwahhal mal-*windscreen*. Ix-xhud kompla billi qal li kien kellem lill-imputati fuq il-post u x-xhieda kienu kellmuh rigward basket li kien insteraq li kien fih mobile phone tal-ghamla Samsung, xi cwievet u xi ammonti zaghar ta' flus, madwar zewg liri (Lm2). Spjega li wiehed miz-zghazagh kien qalilhom li nsterqilhom il-basket ta' tfajla habiba taghhom u li kienu raw lil wiehed mill-imputati jarmi l-istess basket. Ix-xhud tenna li dan il-basket instab fejn kienu ndikawlu z-zghazagh. Rigward il-*mobile phone,* iz-zghazagh kienu qalulu li nsteraq u li mbaghd kienu gabruh mill-vettura tal-imputati bin-numru ta' registrazzjoni HAA 362 huma stess u kien ghandhom. Ix-xhud ikkonferma li kien ra l-*mobile*. Gie muri erba' ritratti li jiffurmaw parti minn Dok RC 9 u li juru l-*mobile phone* minn quddiem, minn wara, l-*battery* u iehor juri l-*battery u l-mobile phone* minn fuq wara. Ix-xhud ikkonferma li l-mobile li jidher fir-ritratti huwa l-istess wiehed li z-zghazagh qalulu li kienu hadu mill-karozza bin-numru ta' registrazzjoni HAA 362.

Kompla jghid li huwa kellem lill-imputati fuq il-post. Ghall-bidu m'ammettawx li kienu serqu l-mobile imma wara ammettaw li kienu serquh meta kienu telghu l-Armier. Ix-xhud tenna li qabel ma kellem lill-imputati kien identifika ruhu bhala pulizija, kien liebes l-uniformi u kien tahom is-solitu twissija skond il-ligi. Ix-xhud stqarr li l-erba' zghazagh li kien hemm kienu haduh fuq il-post u mieghu ha lill-imputati hdejn il-vettura ZAM 800 li kienet

ghadha fuq il post bil-hgiega mkissra u l-*istereo* maqlugh fuq is-seat tal-karozza. Ix-xhud kompla jghid li hdejn il-vettura kien hemm karkur mal-art. Sar jaf li dak il-karkur dakinhar kien ta' Allan Grima u kien hallih il-vettura Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ZAM 800.

**PS 746 Jeffrey Attard Mc Carthy** xehed fil-20 ta' Lulju fejn gie muri dokument Dok RC 8 a fol 41 sa fol 42 tal-process. Ikkonferma li din kienet stqarrija ta' l-imputat Allan Grima li gharaf prezenti fl-Awla bhala wiehed mill-imputati. Ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija li ttiehdet fis-6 ta' Lulju 2004 wara li l-imputat kien inghata twissija skond il-ligi. Iddikjara li fuqha gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-ispettur Raymond Cassar kif wkoll ta' l-imputat Allan Grima. Esebixxa bhala Dok PAM 1 okkorenza mdahhla w iffirmata minnu stess. Rigward din l-okkorenza qal li fid-29 ta' Gunju 2004 ghall-habta tal-ghaxra w ghoxrin ta' filghazija (10.20pm) kien mar l-ghassar tal-Qawra certu George Bonnnici, fejn irraporta li kien qieghed ma' martu Josephine Bonnici u wliedhom, isuq fuq Islet Promenade, Bugibba fejn il-Mc Donalds. Ix-xhud qal li George Bonnici kellu wkoll in-neputi mieghu u dan kellu bzonn jaghmel *toilet* u allura dahal, saq hdejn il-klabb tal-bocci u hadu lin –neputi. Sadanitant halla l-karozza miftuha bic-cavetta fl-*ignition*, meta f'daqqa wahda guvni samrani li kien liebes beritta sewda, qalziet three quarters ta' kulur skur dahal fil-karozza qabad u saqha. Bonnici qallu li din il-karozza kienet ta' bintu. Il-vettura kienet tal-ghamla Seat Ibiza, ta' kulur ahmar bin-numru ta'registrazzjoni BAB 149. Ix-xhud dak il hin ikkuntattja l-Control Room biex jghaddu dan il-messagg u l-ghada dan ir-rapport gie *updated* mill-PC 5 Butters. Qal li skond dan l-update hemm miktub li l-vettura bir-registrazzjoni BAB 149 instabet fin-naha tal-Verdala Fejn l-Ex DOE *hanger*. Skond dan l-update kien issejjah il-kwerelant George Bonnici fejn dan ikkonferma li f'din il-vettura kien hemm nieqes l-*istereo* tal-karozza, mitt lira (Lm100) li kienu gewwa *wallet*, zewg *mobile phones* wiehed tal-marka Nokia u l-iehor tal-marka Alcatel u rota zghira tat-tfal u kien hemm wkoll xi damage fil-*compartment* ta' l-*istereo*.

**PS 85 Cyril Butters** xehed fis-17 t'Ottubru 2005 fejn stqarr li fit-30 ta' Gunju 200 kien ghadu stazzjonat fl-Ghassa ta' Bormla bhala *oderly* fejn kien gie nfurmat minn certu Luigi Bonnici kien hemm vettura l-Verdala fejn hemm il-hangers tad-DOE qabel, bin-numru BAB 149, tal-marka Seat Ibiza ta' kulur ahmar. Meta tellghu l-informazzjoni bil-kompjuter irrizultalhom li din il-vettura kienet giet misruqa mill-Qawra. Ix-xhud kien informa l-Ghassa tal-Qawra biex dawn jinformaw lill-*owner* tal-karozza. L-owner mar l-ghassa u mar fuq il-post, iccekja l-karozza u hadha hdejn l-Ghassa fejn infurmhom li nsterqulu affarijiet li kienu mill-karozza u kien sab il-kompartment ta' l-istereo mkisser. Ix-xhud gie muri dokument Dok PAM1 li jinsab minn fol. 91 sa fol. 95 tal-process u kkonferma li din hi okkorenza li parti minnha giet *updated* mix-xhud stess, fejn tirrigwardja l-perjodu ta' l *update* ghad-data tat-30 ta' Gunju 2004. Ix-xhud ikkonferma din l-okkorrenza fejn qal li l-*items* li l-owner qal kienu neqsin jinsabu indikati fl-istess okkorrenza. Sussegwentament informa lil WPC 169 ta' l-Ghassa tal-Qawra biex isiru l-verifiki minn naha taghha.

In kontro-ezami qal illi inkwanti ghal dawn l-oggetti, dawn gew misruqa flimkien mal-karozza u meta l-karozza nstabet, dawn ma kienux fil-karozza. Mistoqsi nstabux wara, qal li huwa ma komplix isegwi l-kaz hu.

**PC 346 Daniel Micallef** xehed fis-17 t'Ottubru 2005 fejn meta gie muri dokument Dok RC 7 li jinsab minn fol. 39 sa fol. 40 tal-process qal li din hija stqarrija ta' l-imputat Allan Grima li gharaf prezenti fl-Awla u li hija datata 29 ta' Gunju 2004. Ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija u kkonferma li l-imputat Allan Grima inghata t-twissija skond il-ligi. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-ispettur Raymond Cassar kif wkoll ta' Allan Grima li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Ix-xhud gharaf il-firem kollha kull fejn dehru fuq din l-istqarrija.

**Charlton Balzan** xehed fid-9 t'Ottubru, 2006 li huwa l-propjetarju tal- vettura bir-registrazzjoni numru ZAM 800 li hija tal-marka Toyota Glanza, li kien xtraha erba' snin qabel *second hand* mill-Japan. Ix-xhud qal li kien xtraha hamest elef u hames mitt lira Maltin (Lm5,500). Din kienet insterqitlu fl-Imnarja 2004. Ippreciza li mhux il-vettura shiha nsterqet imma insterqulu xi oggetti mil-vettura u saritlu wkoll hsara fiha. Kompla jghid li nsteraqlu *stereo* u kien hemm hsara, ghax kissrulu l-hgiega ta' wara tal-passiggier u kellu d-dashboard imkisser. Ix-xhud ghamel referenza ghal tlett (3) ritratti li li gie muri li huma formanti parti minn sett ritratti mmarkati bhala Dok RC9. Ix-xhud ikkonferma li l-vettura li tidher fuq ir-ritratt ta' kulur griz bin-numru tar-registrazzjoni ZAM 800 hija tieghu. Hemm ritratt iehor li juri t-tieqa tan-naha ta' wara tal-passiggier tal-bieba li hija mkissra taht fejn hemm il-kelma Glanza u kkonferma li hemm it-tieqa mkissra. Hemm ukoll ritratt iehor formanti parti mis-sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok RC9 li juri l-parti nterna tal-karozza fejn hemm id-*dashboard* imkisser. Ix-xhud stqarr li huwa rranga l-vettura u rigward il-hsarat ipprezenta tlett (3) dokumenti li gew immarkati Dok CB1, Dok CB 2 u Dok CB 3. B'referenza ghal Dok CB1 ix-xhud tenna li l-*istereo* hu kien xtrah gdid u swielu mija u hamsin lira Maltin (Lm150). B'referenza ghal Dok CB2, ix-xhud qali li dawn huma rcevuti min ghand Michael Debono Ltd, ta' quarter window li xtraha tlieta u erbghin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm43.31), *dashpanel* ta' Lm74.76 u instrument panel ta' disa' liri u sebgha u sebghin centezmu (Lm9.77). B'referenza ghal Dok CB3 ix-xhud stqarr li din wkoll ricevuta minghand Michael Debono Ltd ghall-valur total tal-*ispray*, *labour* etc fl-ammont totali ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130.00). Ikkonferma li dawn l-ammonti kollha kien hallashom. Ix-xhud kompla billi qal li l-*istereo* li xtara ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ma kienx l-istess *stereo* li kellu qabel u li kien insteraqlu. Dak li nsteraqlu kien tad-ditta Sony u li l-ammont meta kien xtrah kien ta' xi hamsin (Lm50) lira. Ix-xhud stqarr li kien gie infurmat bil-hsarat fil-karozza tieghu meta cemplulu l-pulizija u l-hsarat li sofra ma kienx thallas taghhom. Qal li

kienet insterqitlu l-faccata tal-isterio u in kwantu ghar-rimanenti parti, din baqghet fil-karozza. Pero’ ghalih minghajr il-faccata l-istereo kien ta’ xejn.

**David Saliba** xehed fit-18 ta’ Frar, 2008 fejn gie muri dokument RC 10 li hija kopja vera tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f’ Ghawdex bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali moghtija mill-Magistrat Dr Paul Coppini, fis-seduta tas-27 t’April tas-sena 2004, u li l-vera kopja tas-sentenza tinsab minn fol 44 sa fol 47 tal-process fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur David Saliba, Spettur Geoffrey Azzopardi, Spettur Antonello Grech) vs Allan Grima**. Ix-xhud jikkonferma li kien Ufficjal Prosekutur f’din il-kawza u qal wkoll li qieghed jaghraf lil Allan Grima l-imputat prezenti fl-Awla bhala l-istess imputat indikat fis-sentenza li kopja taghha ghadu kif ghamel referenza ghaliha u hija esebita bhala Dok RC 10 fil-process.

**L-imputat Mario Zammit** xehed nhar it-18 ta’ Frar 2016 fejn meta giet moqrija lilu l-istqarrija li kien irrilaxxa a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar id-29 ta’ Gunju 2004 inserita fl-atti a fol 37 tal-porocess, huwa kkonferma l-kontenut ta’ din l-istess stqarrija fl-intier taghha.

Semghet lill-avukati tal-imputati jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2016.

**Ikkunsidrat:**

L-imputati ma xehdux kif kellhom kull dritt jaghmlu pero’ irrilaxxjaw stqarrija - dik ta’ Mario Zammit giet immarkata bhala Dok RC 6 a fol. 37 tal-process filwaqt li l-istqarrija ta’ Allan Grima hija mmarkata bhala Dok RC7 u tinsab esebita a fol 39 tal-atti. Ghalekk din il-Qorti ghandha tqis dak li qalu l-imputati fl-istqarrija taghhom flimkien mal-provi kollha l-ohra li semghet.

Mario Zammit ighid li nhar id-29 ta' Gunju 2004 huwa mar il-Pjazza ta' Bormla ghall-habta tal-hdax ta' filghodu u iltaqa' ma' Allan Grima u iddecidew li jmorru il-bahar. Marru lejn l-Armier bil-karozza tal-habiba tieghu u waslu hemm ghall-habta tas-1.30 p.m. Qal li huwa mar jiehu flixkun birra mil-hanut Ray's Lido filwaqt li Alan mar fuq ix-Xatt. Wara li xorob il-flixkun birra mar ifittex lil Allan u qallu li kien sejjer hdejn l- umbrellel il-homor lejn in-naha l-ohra tax-xatt. Ghamel xi nofs siegha hemm b'saqajh imdendlin fl-ilma u wara mar hdejn Allan u dan qallu biex imorru lejn l-Ghadira.

Huma u sejrin lejn l-Ghadira Allan talbu sabiex iwaqqaf il-karozza ghaliex kellu bzonn jaghmel toilet u dak il-hin waqfet karozza b'erba minn nies go fiha u bdew ighidulu '*Gib il-basket Gib il-basket'*. Dan id-diskors bdew ighiduh lilu ghaliex dak il-hin kien wahdu fil-karozza. Meta sema' dan l-ghajjat Allan telaq jigri u huwa saq ghal warajh u beda jibza' li dawn in nies kienu ser jitfghulu il-gebel li kellhom f'idejhom. Jghid li imbaghad wasal f'nofs in-nizla u ra lil Allan u rikbu mieghu. L-erbgha min-nies baqghu jigru warajhom u dak il-hin Alan fetah il-basket il-blu ha mobile minnu u rema l-kumplament mil-karozza hdejn il-bus stop tal-Ghadira. Il-karozza il-bajda waqfet warajhom. Nizel ragel bil-kappell u tnejn ohra u ghal darb'ohra rega' talbu il-basket u Alan dahhal idejh fil-qalziet ta' taht u gabar mobile griz u tahulu biex itih lilhom. Dak il-hin waslu l-pulizija tal-ALE u ordnawlu johrog mil-karozza teighu u rikeb go taghhom, waqt li Allan mar mas-surgent ifittex il-basket li kien rema. Huwa cahad li kellu x'jaqsam mat-tehid tal-basket jew mat-tkissir tat-tieqa ta' dik il-karozza Toyota Glanza.

**Allan Grima** fl-istqarrija tieghu jammetti li dakinhar stess kien ha d-droga eroina ghall-habta tal-10.00 a.m. u ha wkoll doza tal-methadone wara li kien waslu Mario Zammit id-Detox. Wara jghid li marru il-bahar bil-vettura ta' Mario. Qal li appena waslu l-Armier Mario mar jixtri minn hanut li hemm faccata waqt li huwa baqa' fuq ir-ramel u f'hin minnhom lemah basket u hadu.

Gol-basket jghid li kien hemm mobile Samsung, wallet iswed li ma kienx fih flus u kien hemm xi cwievet. Dak il-hin ghajjat lil Mario biex imorru lura d-dar. Huma telqu u appena waslu hejn l-istatwa tal- Madonna li hemm int ser taqbad in-nizla tal-Ghadira qal lil Mario sabiex iwaqfu ghaliex ried jaghmel toilet. Izda flok ghamel toilet kisser hgiega ta' karozza Toyota Glanza li kienet ipparkjata fil-qrib. Dahal go fiha u ittenta jiehu l-istereo izda dan ma nqalax ghaliex kien marbut bil-bolts. Meta ra li ma setax jaqilghu qabad it-triq sabiex imur lura lejn il-karozza fejn kien hemm Mario u hemmhekk ra tlett guvintur jallegaw li huwa kien ha l-basket tat-tfajla taghhom. Huwa ghalhekk telaq 'l isfel u pprova jahrab minn fuq il-post. Mario saq il-karozza u lahqu fejn il-bus stop tal-Ghadira. Waqt li kien fil-karozza ta' Mario rema basket wara li kien ha il-mobile minn go fih. Aktar tard waqfuhom il-pulizija tal-ALE u staqsewhom x'kien gara u mar ma' wiehed minnhom sabiex jigbor il-basket. Marru hdejn it-Toyota Glanza u wera lill-pulizija dak li kien ghamel u flimkien ma' Mario il-pulizija haduhom l-Ghassa. Ikkonferma li Mario ma ghamel xejn u ma kellu x'jaqsam xejn ma dak li ghamel hu.

**Ikkunsidrat fil-konfront ta' Allan Grima.**

Illi l-imputat Allan Grima ma xehedx sabiex jikkontradixxi dak li gie rapportat fl-istqarrija tieghu u ghalhekk dak li qal a tempo vergine ghandu jigi kunsidrat bhala veritier. Illi m'hemmx dubju li l-imputat Allan Grima irrakkonta dak kollu li kien sehh dakinhar tal-avventura taghhom lejn l-Armier nhar id-29 ta' Gunju 2004. Minn ezami ta' dak li qal fl-istqarrija tieghu, jirrizulta li kien seraq il-basket ta' Dyana Spiteri ghaliex fil-fatt l-imputat Grima jammetti li kien seraq basket li kien fuq ix-xatt tal-Armier u Dyana Spiteri gharfet il-mobile taghha li gie moghti lilha tal-ghamla Samsung, liema mobile kien fil-pussess ta' Grima ftit tal hin wara li insteraq. M'hemmx dubju li din is-serqa hija aggaravata bil-valur stante li l-valur tal-mobile kien ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150).

In oltre jirrizulta li dakinhar stess Allan Grima dahal fil-vettura tal-ghamla Toyota Glanza numru ta' registrazzjoni ZAM 800 bl-intendiment li jisraq stereo li kien ra go fiha. Huwa minnu li ma serqux pero' dan sehh ghaliex ma setax jaqilghu u ghalhekk iddecieda li jabbanduna l-idea. Jghid li fil-fatt kien sgassa il-vettura u Charlo Zammit jghid li ra lil Allan Grima ikisser il-hgiega tal-vettura il-quarter window tal-karozza tan-naha ta'quddiem tal-bieba tal-passiggier. Malcolm Vella ukoll jikkonferma li kien Allan Grima li kisser il-hgiega. Dwar il-hsara li sofra Charlo Zammit fil-vettura tieghu issir referenza ghax-xhieda tieghu li ma gietx kontradetta bl-ebda xhud jew prova dokumentarja. Qal li l-quarter window kien xtraha tlieta u erbghin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm43.31), *dashpanel* ta' erbgha u sebghin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm74.76) u instrument panel ta' disa' liri u sebgha u sebghin centezmu (Lm9.77) kif jirrizulta mir-ricevuti li ipprezenta u hallas ukoll is-somma ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) indikata fid-dokument CB3 lis-socjeta' Michael Debono Ltd rapprezentanti l-valur totali tal-*ispray*, *labour* fil-vettura sabiex giet irrangata.

Ghalhekk l-ewwel erba' (4) akkuzi jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti. Fir-rigward l-akkuza ta' recidiva jinghad ukoll li l-Prosekuzzjoni ipprezentat numru ta' sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat Allan Grima u dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Allan Grima**' nhar is-27 ta' April 2004 giet konfermata mill-allura Spettur tal-Pulizija David Saliba fejn ikkonferma li huwa kien l-ufficcjal prosekutur f'dik is-sentenza u gharaf lill-imptuat odjern bhala l-istess imputat f'dik il-kawza. F'din is-sentenza kien instab hati ta' akkuza ta' serq, talli saq minghajr polza ta' sigurta' u talli hu recidiv u kien inghata sentenza ta' prigunerija u multa. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll.

Dwar it-tmien, disgha, ghaxar u l-hdax-il akkuza dawn ma jirrizultawx provati.

**Ikkunsidrat fil-konfront ta' Mario Zammit.**

Hawnhekk l-imputat Mario Zammit fl-istqarrija jinnega li ppartecipa fir-reati li gie akkuzat bihom u ghalkemm jammetti li kien fl-istess lok, hin u data kif indikat fic-citazzjoni ma ppartecipax lanqas bhala korreju fir-reati.

Dwar l-akkuza ta' attentat ta' serq mill-vettura Toyota numru ta' registrazzjoni ZAM 800 l-imputat Zammit jichad kull partecipazzjoni jew assistenza lill-ko-akkuzat Allan Grima. Ix-xhieda Malcolm Vella u Charlo Zammit it-tnejn jghidu li raw lil Allan Grima fil-vettura Toyota u rawh ukoll ikisser il-hgiega sabiex ottjena d-dhul. Hadd minnhom ma jghid li ra lil Mario Zammit jaghmel dan. Mario Zammit jghid li huwa kien waqqaf il-karozza tieghu ghaliex Allan Grima kien qallu li kien sejjer jaghmel toilet u dan hu konfermat minn Allan Grima u mill-erba' guvintur li xehdu u qalu li meta Mario Zammit kien wieqaf bil-Golf tieghu dan kien wahdu. Kien biss meta beda jsuq 'l hemm ghaliex beza' minnhom, li waqaf sabiex jigbor lil Allan Grima.

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs George sive Gino Bezzina'** nhar it-tletin ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

Ma hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence or guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration.*"

Illi fic-cirostanzi tal-kaz il-Qorti thoss li ma hemmx bizzejjed provi li jorbtu lill-imputat Mario Zammit mar-reati addebitati fil-konfront tieghu u dan lanqas bhala komplici.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat Allan Grima u rat li huwa kiser duffrejh mal-ligi f'diversi okkazzjonijiet. Bizzejjed jinghad li l-fedina penali tieghu li mhix aggjornata ghaliex harget f'Jannar 2005 tindika li l-imputat meta kien ghad kellu tnejn u ghoxrin sena kien diga' nstab hati diversi drabi u nghata diversi probations. Illi pero' donnu ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu ghaliex rega' qieghed il-Qorti.

Huwa minnu li din il-kawza ilha pendenti ghal zmien twil u cioe' tnax il-sena pero' zgur li dan ma kienx tort ta' din il-Qorti li dejjem zammet seduti fil-vicin u kien ghaliex kien hemm diversi okkazzjonijiet meta il-prosekuzzjoni u / jew l-imputati ma attendewx ghas-seduti li ma setghax jigi registrat l-ebda progress.

Illi d-difiza ma resqet l-ebda prova sabiex tipprova tikkonvinci lill-Qorti li effettivament l-imputat Allan Grima biddel hajtu fis-sens li qabad it-triq it-tajba 'l boghod mill-hajja kriminali u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova il-Qorti thoss li ghandha tibghat lill-imputat Allan Grima l-habs.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikoli 18, 42, 43, 49, 50, 267, 270, 271(g), 279(a), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9; Artikolu 3 ta' Kapitolu 104; Artikolu 15 ta' Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat MARIO ZAMMIT hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, filwaqt li issib lill-imputat ALLAN GRIMA hati tal-ewwel hames akkuzi u tikkundannah komplessivament sentejn u nofs prigunerija effettivi u mhux hati tat-tmien, d-disa', l-ghaxart u l-hdax-il akkuza u tilliberah minnhom.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**